MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF -- AGENT PRESIDENT**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-15 ta' Ottubru, 2012

Appell Civili Numru. 1372/2000/3

**Carmel u Rita konjuġi Camilleri**
***versus***
**Doreen Cardona u John Mary Cardona; għal kull interess li jista' jkollu u b'digriet tal-31 ta' Mejju 2001 ġew kjamati fil-kawża Raymond Martin u martu Anna Martin u b'digriet tat-18 ta' Marzu 2002 id-digriet tal-31 ta' Mejju 2001 ġie revokat *contrario imperio* rigwardanti l-kjamati fil-kawża ta' Raymond Martin u martu Anna Martin u b'digriet tat-28 ta' Jannar 2003 reġgħu ġew kjamati fil-kawża Raymond u Anna konujuġi Martin**

1. Dan il-provvediment huwa dwar talba magħmula mill-konvenuta appellanti Doreen Cardona b'rikors tat-30 ta' Mejju 2012 biex tressaq eċċezzjoni ulterjuri.
2. F'din il-kawża l-atturi qegħdin jitolbu l-ħlas tal-bilanċ tal-prezz ta' proprjetà immobbli minnhom mibjugħa lill-konvenuti. Il-konvenuta fir-rikors tat-30 ta' Mejju 2012 fissret illi l-proprjetà illi xtrat mingħand l-atturi ma hijiex dik imsemmija fiċ-ċitazzjoni li biha nbdiet il-kawża iżda proprjetà oħra. Għalhekk, tgħid il-konvenuta, l-atturi ma għandhomx l-interess ġuridiku meħtieġ biex imexxu bl-azzjoni u hi ma hijiex kontradittriċi leġittima.

3. Għal din ir-raġuni l-konvenuta qiegħda titlob illi titħalla tressaq eċċezzjoni ulterjuri ta' nuqqas ta' interess ġuridiku fl-atturi u nuqqas ta' leġittimazzjoni passiva tagħha.

4. L-atturi wieġbu fis-6 ta' Lulju 2012 u fissru għala, fil-fehma tagħhom, it-talba tal-konvenuta għandha tiġi miċħuda.

5. Fir-rikors tagħha l-konvenuta tgħid illi t-talba qiegħda ssir taħt l-artt. 158(11), 728(2) u 732(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili li jgħidu hekk:

**158.** (11) Ir-risposta ġuramentata tista', wara li jinġiebu l-provi tal-attur u qabel ma l-konvenut iġib il-provi tiegħu, tiġi emendata b'nota separata, sew bir-rinunzja ta' waħda jew oħra mill-eċċezzjonijiet, kemm b'żieda ta' eċċezzjonijiet oħra, bla ħsara għal dawk l-eċċezzjonijiet li jinqalgħu f'kull stadju tal-kawża.

**728.** (2) Ebda eċċezzjoni oħra ma tista' tingħata f'waqt ieħor tal-kawża; b'dan li l-qorti tista' meta jsirilha rikors mill-konvenut jew appellat tippermetti li jingħataw iktar eċċezzjonijiet, jekk din tkun sodisfatta li kien hemm raġunijiet validi l-għaliex ma jkunux ingħataw fin-nota tal-eċċezzjonijiet jew fir-risposta.

**732.** (1) Bla ħsara dejjem tad-disposizzjonijiet ta' dan il-Kodiċi dwar il-produzzjoni tal-provi, l-eċċezzjonijiet perentorji jistgħu jingħataw ukoll fil-qorti fi grad ta' appell għalkemm ma jkunux ġew mogħtija fil-qorti tal-ewwel grad.

6. Relevanti wkoll huwa l-art. 731:

**731.** Id-disposizzjonijiet tal-artikolu 728 ma jgħoddux għal dawk l-eċċezzjonijiet li jistgħu b'disposizzjoni espressa ta' dan il-Kodiċi jingħataw f'kull waqt tal-proċedimenti … … …

7. Fil-fehma ta' din il-qorti l-art. 158(11) ma jgħoddx għall-każ għax it-talba ma hijiex qiegħda ssir "qabel ma l-konvenut iġib il-provi tiegħu". Issa li qiegħed jinstema' l-appell, l-istadju tas-smigħ tal-provi ngħalaq u għalhekk it-talba ma tistax issir taħt din id-dispożizzjoni tal-liġi.

8. Lanqas ma jgħodd għall-każ l-art. 728(2). Il-konvenuta kienet taf sa mill-bidu tal-kawża liema kienet il-proprjetà li xtrat mingħand l-atturi u għalhekk ma hemm ebda raġuni valida għala l-eċċezzjonijiet ma tressqux fil-bidunett tal-kawża.

9. Taħt l-art. 732(1) l-eċċezzjonijiet jistgħu jitressqu wkoll f'dan l-istadju tal-appell jekk huma eċċezzjonijiet perentorju.

10. L-eċċezzjonijiet li trid tressaq il-konvenuta ma humiex perentorji fuq il-meritu għax ma jolqtux il-kwistjoni jekk l-atturi għandhomx jieħdu l-bilanċ tal-prezz. Madankollu, huma perentorji fuq il-proċeduri tallum għax, jekk jintlaqgħu, iwaqqfu l-kawża.

11. F'dan l-istadju l-qorti ma hijiex imsejħa biex tiddeċiedi jekk l-eċċezzjonijiet, meta jingħataw, għandhomx jintlaqgħu, iżda biss jekk jistgħux jitressqu. L-eċċezzjoni ta' nuqqas ta' nuqqas ta' leġittimazzjoni, attiva u passiva, billi hija eċċezzjoni perentorja fuq il-proċeduri, għalkemm mhux fuq il-meritu, tista' titressaq f'dan l-istadju u għalhekk il-qorti tilqa' t-talba magħmula mill-konvenuta bir-rikors tat-30 ta' Mejju 2012 u tagħtiha żmien għoxrin jum millum biex tressaq l-eċċezzjonijiet b'nota.

12. Billi l-eċċezzjonijiet setgħu u kellhom jitressqu aktar kmienu fil-kawża, l-ispejjeż ta' dan l-episodju tallum tħallashom il-konvenuta.

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------